MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 60/1999/1

**Joseph u Victoria sive Vicky Agius**

**vs**

**Julian Mercieca**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppremettew;

Illi fit-tnejn u ghoxrin ta’ Ottubru 1998 ghal habta tad-disgha u nofs ta’ filghodu (9.30am) f’Zammit Petrol Station, Mgarr, Ghawdex, l-attur Joseph Agius safa’ aggredit u msawwat ghal xejn b’xejn u minghajr l-ebda provokazzjoni mill-konvenut, Julian Mercieca, li kemm-il darba hebb u habat ghall-attur, u sahansitra tah xebba permezz ta’ pala tal-hadid u tal-injam;

Illi minhabba dina l-aggressjoni ngusta u minhabba s-swat li qala' l-attur minghand il-konvenut, l-istess attur sofra, minbarra danni materjali, feriti gravi u ta' natura "per durata" kemm f'rasu kif ukoll f'subghajh tan-nofs ta' idejh il-leminija, liema feriti kkawzawlu debilita' permanenti fuq persuntu, liema debilita' kkawzatlu telf ta' qliegh u profitti, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-istess kawza;

Illi l-konvenut, nonostanti li gie interpellat ufficjalment sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tal-istess danni, dana baqa' inadempjenti;

Talbu l-atturi ghaliex l-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident hawn fuq imsemmi, f'liema incident l-attur sefa' aggredit u msawwat mill-konvenut minghajr l-ebda provokazzjoni u/jew gustifikazzjoni, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-istess kawza;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba l-incident hawn fuq imsemmi, liema danni huma sewwa materjali kif ukoll fi kwalita ta' lucrum cessans u telf ta' xoghol;

3. tikkundanna lill-istess konvenut li jhallas lill-atturi d-danni kollha hekk minnhu sofferti u likwidati;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Marzu 1999 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni. Bl-imghaxijiet ukoll skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu annessa l-lista tax-xhieda u tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. li t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi;

2. li m'huwiex minnu li l-eccipjenti kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-attur Joseph Agius jew li hallewlu debilita' permanenti fuq il-persuna tieghu;

3. li l-incident in kwistjoni gie pprovokat unikament mill-attur Joseph Agius li kien hu li hebb u agredixxa lill-eccipjenti.

4. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu annessa l-lista tax-xhieda.

Rat ir-relazzjoni tal-espert mediku l-kirurgu Mr Charles Grixti nominat mill-Qorti kif diversament preseduta;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Appell tas-6 ta' Jannar 2003 fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-konvenut;

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni esebiti fir-rigward l-istess;

Ezaminat ix-xhieda f'tali proceduri kriminali;

Semghet ix-xhieda li pproducew il-partijiet quddiemha;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-attur f'din il-kawza kellu l-oneru jipprova: (i) li hu kien il-vittma ta' aggressjoni u swat ingustifikat u ghal-liema ma kkontribwixxa xejn; (ii) li kien l-konvenut is-soggett attiv responsabbli ghal din l-aggressjoni; (iii) li konsegwenza taghha l-attur sofra danni sew materjali kif ukoll fi kwalita' ta' 'lucrum cessans'.

Ghal dak li huma l-ewwel zewg aspetti, l-evidenza tmur oltre l-prova rikjesta 'in civiliter' u kwindi tirrendihom pjenament pruvati. Il-provi kompilati fl-atti tal-kumpilazzjoni, mismugha fl-ambitu ta' l-akkuzi kriminali diretti kontra l-konvenut, liema fatti jikkostitwixxu l-qafas

ta’ dawn il-proceduri civili, juru b’mod ezawrjenti u car, li fit-22 ta’ Ottubru tas-sena 1998, inqala’ argument bejn l-kontendenti fuq il-lant tax-xoghol kawza li nqaleb il-‘mixer’, li f’dak il-hin kien qieghed jahdem bih il-konvenut, li wassal ghall-aggressjoni fuq l-attur b’pala li kkagunatlu debilita’ f’wiehed mis-sebgha ta’ idu l-leminija, apparti gerhiet f’rasu, li htiegilhom medikazzjoni u suturi. U tant hekk jirrizulta li fl-appell tieghu lill-Qorti Kriminali, dik l-Onorabbli Qorti, mill-istess provi li ghandha quddiemha din il-Qorti, affermat, dwar il-frattura li rrizultat fl-ghadam ta’ wiehed mis-swaba ta’ l-id il-leminija tal-attur, li din kienet tirrizulta fic-car mic-certifikat tat-tabib u li kienet wahda gravi per durata, u oltre rrespingiet l-aggravju tal-konvenut msejjes fuq il-legittima difiza billi, fl-ahjar ipotesi ghalih, l-aggressjoni tieghu fuq l-attur ma saritx biex jiddefendi ruhu izda se mai bhala ritaljazzjoni; kwindi u fl-ebda kaz ghalhekk ma kienet gustifikata izda, possibilment, biss skuzata. Ezaminati c-cirkostanzi taht l-aspett civili din il-Qorti hi tal-fehma li anka jekk kellha taccetta li l-aggressjoni kienet frott ta’ ritaljazzjoni r-responsabiltajiet tal-konvenut baqghu dawk li kienu b’daqstant li civilment huwa tenut jirrispondi ghall-hsara li kkaguna bi htija tieghu. Trattandosi ta’ danni akwiljani l-principju bazilari hu li ‘jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja (Art.1032/i Kap 16).

Taht it-tielet aspett, l-likwidazzjoni tal-ammont f’danni subiti, mid-dikjarazzjoni guramentata tal-attur, annessa mac-citazzjoni, huwa fisser id-danni, b’mod generiku u stqarr li jikkonsistu kemm f’danni materjali kif ukoll danni fi kwalita’ ta’ ‘lucrum cessans’ u telf ta’ xoghol. Stranament l-attur ma xehedx hlief in kontro-ezami u lanqas ipproduca xhieda hlief ghall-kirurgu, gja nominat bhala espert mediku minn dina l-Qorti diversament preseduta. Jidher li strah interament fuq ix-xhieda prodotta fil-proceduri kriminali. Din ix-xhieda, pero’, ma taghti ebda hjiel dwar dawk id-danni materjali u telf ta’ xoghol li setgha sofra l-attur. Lanqas ma jindikaw il-paga li kien jircievi l-attur jew ukoll xi qliegh li seta’ kellu minn xoghol barrani. Jirrizulta biss li meta gara l-incident li hu kellu wiehed u erbghin (41) sena. In konnessjoni ghad-danni fi kwalita’ ta’ lukri

cessanti l-espert kirurgu fil-konkluzjoni tar-relazzjoni debitament mahlufa tieghu, qal li l-attur sofra ticrita fis-sebgha tan-nofs li effetwat in-nervituri b'konsegwenza ta' nuqqas ta' hass fl-istess saba. Stabilixxa d-dizabilita fil-percentagg ta' wiehed fil-mija u dana wara li wkoll ha in debita konsiderazzjoni incident precedenti.

Fuq dan fuq espost issib li l-attur ipprova l-kawzali safejn fuq inghad.

Taqta' u tiddisponi ghalhekk li tilqa' t-talbiet ta' l-attur kif ser tghid: in kwantu l-ewwel talba li tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident meritu l-kawza f'liema incident l-attur sefa' aggredit u msawwat mill-konvenut minghajr ebda provokazzjoni u/jew gustifikazzjoni; in kwantu ghat-tieni talba billi tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba l-incident in meritu fis-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) bl-arbitrju prudenzjali taghha; in kwantu ghat-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) bl-imghax dekorribli mil-lum sal-effettiv pagament.

In kwantu ghall-ispejjez tal-kawza dawn ghandu jbatihom il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------